1 DEC 2020

HAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

# MINUTI

## Laqgha tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgha Numru 535**

**It-Tnejn 26 t'Ottubru 2020**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Joseph Vella - Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Angelo Scicluna - Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 535.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

535.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibghuta mill-Viċi Sindku fejn talbet li tkun skużata milli tattendi ghal-laqgha tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis- Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku tkun skużata.

535.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibghuta mis-Sur Mark Grech fejn talab li jkun skużat milli jattendi ghal-laqgha tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech ikun skużat.

535.1.3 Inqrat ittra ta' apoloġija mibghuta mis-Sur Angelo Scicluna fejn talab li jkun skużat milli jattendi ghal-laqgha tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Angelo Scicluna jkun skużat

## 535.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

535.2.1 Il-minuti tal-534 laqgha ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louisielle Camilleri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

## 535.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

535.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li l-Kunsill kien inghata konċessjoni mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex jinxtara vann ghall-prezz ta' €12,500 VAT inkluż permezz tad-*direct order* skond il-linji gwida 3.5.

535.3.2 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa x'kien ser isir bil-vann l-antik tal-Kunsill, kif ukoll kemm kien jesa passiġġieri l-vann li kien ser jinxtara. Is-Sindku qal illi sakemm jghaddi mit-test tal-VRT, il-vann l-antik kien ser jintuża ghal xoghol ta' *patching*. Is-Sindku qal ukoll illi l-vann li kien ser jinxtara kien jesa tlett passiġġieri.

535.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett ta' tisbih propost mill-Eċċellenza Marie Louise Coleiro Preca, President Emeritus ta' Malta, f' Misrah San Nikola u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġi iffirmat *Memorandum of Understanding* mal-Fondazzjoni ta' Malta ghall-Ġid tas-Soċjetà bil-ghan li jiġu definiti l-irwoli u l-obbligi u tiġi adottata proċedura bejn il-partijiet rispettivi. Is-Sindku żied jghid li dan il-proġett kien ser isir flimkien mal-Ministeru ghall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, il-Ministeru tal-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xoghol u l-Ministeru tat-Trasport u l-Proġetti Infrastrutturali.

535.3.4 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill ghandux pjanti emendati tal-proġett ta' tisbih f'Misrah San Nikola. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

535.3.5 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kinitx ser tintuża l-art kollha li hemm f'Misraħ San Nikola sabiex isir il-proġett ta' tisbiħ. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv peress illi parti mis-sit kienet privata. Is-Sindku żied jgħid li bħalissa kien għaddej proċess legali bejn sid l-art u l-Gvern Ċentrali. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet ser issir talba għall-konferma tat-titolu permezz tal-formola t'applikazzjoni GLA20 lill-Awtorità tal-Artijiet.

535.3.6 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-proġett kienx ser jiġi ffinanzjat mill-fondi tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-iffirmar tal-*Memorandum of Understanding* kien ser isir biex ikun hemm qbil li l-proġett ta' tisbiħ ser isir b'kollaborazzjoni. Is-Sindku żied jgħid li l-finanzjament ta' dan il-proġett ma kienx ser isir kollu mill-fondi tal-Kunsill iżda kien ser jinqasam bejn il-partijiet involuti.

535.3.7 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jiffirma l-*Memorandum of Understanding* mal-Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjetà.

535.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi waqt laqgħa ma' inġinier ta' *Infrastructure Malta* ġiet diskussa l-possibilità li jiġu asfaltati numru ta' toroq fil-lokalità. Is-Sindku qal illi *Infrastructure Malta* kienet ser toffri l-għajnuna tagħha biex isir wiċċ ġdid bit-tarmak, bil-patt u l-kundizzjoni, li l-Kunsill iħallas l-ispiża għat-tibdil tas-servizzi tal-ilma u tad-drenaġġ. Is-Sur Joseph Agius staqsa min kien ser iħallas f'każ li jkun hemm bżonn introduzzjoni ta' *culverts* għall-ilma tax-xita minħabba problemi ta' għargħar. Is-Sindku qal illi fil-lista li ġiet ppreżentata lil *Infrastructure Malta* ma kienx hemm toroq residenzjali li għandhom problemi ta' għargħar. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi hemm toroq residenzjali li għandhom problema ta' għargħar, fosthom Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sindku spjega li l-*istorm water culverts* ikunu mqabbdin ma' sistema ta' mini taħt l-art li tiġbor l-ilma tax-xita li jkun ġej minn toroq oħra . Is-Sur Joseph Buttigieg talab lis-Sindku jgħidlu liema kienu t-toroq imniżżla fil-lista li ġiet ippreżentata lil *Infrastructure Malta*. Is-Sindku qal li f'din il-lista kien hemm Triq iż-Żarżarell, Triq il-Werżieq, Triq il-Madaffa, Triq il-Baħrija, Triq id-Dliela, Triq il-Luq, Triq il-Fikus, Triq il-Ġiżimina, Triq Salvu Darmanin, Triq l-Iskola, Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, Triq il-Qaqoċċ u Triq Spadaro. Is-Sur Joseph Agius qal illi fi Triq id-Dliela u Triq il-Baħrija kien hemm problema ta għargħar. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex il-fondi li kienu ġew allokati għall-proġett tal-*bring in sites* fiż-żona tal-Fataħ flimkien ma' riżervi li l-Kunsill għandu mis-snin ta' qabel, jiġu allokati sabiex isir ir-*resurfacing* ta' dawn toroq. Is-Sindku żied jgħid li fil-ġranet li ġejjin flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien ser jiġi ppreparat l-estimi annwali għas-sena 2021 kif ukoll il-pjan ta' ħidma ta' tlett snin. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa min kien ser iħallas l-ispiża tal-bankini. Is-Sindku qal illi kien ser ikompli jiddiskuti dwar dan ma' *Infrastructure Malta*. Is-Sur Joseph Agius qal illi uħud mit-toroq li ssemmew fil-lista m'hemmx għalfejn jinbidlu l-bankini peress illi kienu fi stat tajjeb. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li fl-estimi annwali 2021 jiġu allokati fondi sabiex jiġu asfaltati numru ta' toroq bil-kollaborazzjoni ma' *Infrastructure Malta*.

535.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi waqt laqgha li kellu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u ma' uffiċjali fl-Uffiċju Elettorali, ġew diskussi problemi ta' numerar ta' bibien f'ċertu toroq fil-lokalità fosthom il-problema ta' numerar ta' bibien fi Triq Salvu Pulis u Triq tal-Labour minhabba li sar żvilupp f'dawn iż-żewġ toroq u kien hemm bżonn li jitranġaw l-estenzjonijiet taghhom. Il-problema li kien hemm fi Triq Giuseppi Micallef u Misrah Alofju Wignacourt fejn kellha titwahhal it-tabella bl-isem tat-triq biex ikun hemm distinzjoni bejn iż-żewġ toroq. Il-problema ta' numerar ta' bibien fi Triq il-Kappuċċini peress illi bejn proprjetà u ohra kien hemm diversi artijiet li ghadhom ma ġewx żviluppati minhabba li kienu ODZ. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jsir numerazzjoni tal-bibien eżistenti biss.

535.3.10 Fis-6.50 ta' filghaxija, is-Sur Joseph Vella dahal ghal-laqgha.

535.3.11 Is-Sindku qal illi waqt din il-laqgha il-Kunsill ġie mitlub jaghti ismijiet lil żewġ toroq li hemm biswiet Ġnien il-Mistrieh li qieghed fi Triq l-Ghakrux, lil triq bla isem fi Triq San Leonardu u lil trejqa bla isem li hemm fil-viċinanzi ta' Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri preżenti sabiex ghal-laqgha li jmiss jippreparaw lista bl-ismijiet proposti.

535.3.12 Is-Sinjura Anna Calleja pproponiet li fil-futur tissemma triq ghat-tabib Lawrence Fenech iżda ma kienitx tixtieq li dan l-isem jinghata ghal triq żghira. Is-Sinjura Calleja talbet li l-isem tat-tabib Lawrence Fenech jitniżżel fil-lista mal-ismijiet pendenti.

535.3.13Is-Sindku qal li biex isir in-numerar ta' bibien fi Triq iċ-Ċimiterju iridu jiġu riżolti żewġ kwistjonijiet minhabba li fi Triq Santa Marija jiżbukkaw żewġ frieghi ta' Triq iċ-Ċimiterju, il-parti li tikser fuq in-naha tax-xellug ghandha tinghata isem differenti filwaqt li dik il-parti ta' Triq iċ-Ċimiterju li bhalissa qed tiżviluppa, li tiġi quddiem iċ-ċimiterju, il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk hux se tinghata isem differenti jew jekk hux se tkompli ma' Triq iċ-Ċimiterju.

535.3.14 Is-Sindku qal illi fi Triq is-Saqwi u fi Triq ix-Xghajra, Sqaq numru 1 ukoll kien hemm problema bin-numerar tal-biebien peress illi ma kienx hemm distinzjoni bejn iż-żewġ toroq. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jitwahhlu żewġ tabelli bl-ismijiet ta' toroq maġenb xulxin u l-parti li hija bil-konkos tibqa' Triq ix-Xghajra Sqaq Numru 1 u l-parti bit-tarmak tibqa' Triq is-Saqwi.

535.3.15 Is-Sinjura Ghislaine Bongailas qalet li fi Triq Agatha Barbara kien hemm xi residenti li ma kellhomx numerar tal-bibien.

535.3.16 Is-Sindku qal illi kellu laqgha mal-iżviluppatur li kien issottometta applikazzjoni mal-*Planning Authority* biex tiġi żviluppata *guesthouse* taht il-venda l-antika. Is-Sindku qal illi l-*Planning Authority* kienet talbet lill-iżviluppatur biex jemenda l-

pjanti. Is-Sindku żied jgħid li l-*guesthouse* li fetħet riċentament fi Triq is-Santwarju kienet sebbħet it-triq. Is-Sindku semma l-proġett ta' tisbiħ li kien ser isir fil-venda l-antika u qal li l-iżvilupp ta' *guesthouse* kien ser jagħti valur addizzjonali, kif ukoll jiġġenera ekonomija fi ħdan il-lokalità bit-turiżmu Is-Sindku qal illi l-investituri ta' dan il-proġett kienu talbu li tiġi ppreżentata ittra lill-*Planning Authority* u l-Kunsill juri l-appoġġ tiegħu għal dan il-proġett. Is-Sindku qal illi jekk ikun hemm qbil, l-ittra lill-*Planning Authority* kien ser jagħmilha permezz ta' affidavit. Is-Sindku qal illi flimkien mal-iżviluppatur kien qed jesplora wkoll il-fatt li jsiru proġetti artistiċi jew sportivi u l-ħajt li ser jiġi kreat fil-ġenb ta' din il-binja faċċata tal-għassa tal-pulizija, isir b'murali artistiċi marbuta mal-lokalità, bħal kif saru ftit metri 'l bogħod minn din il-binja. Is-Sindku qal illi flimkien mal-Kunsillier is-Sur Angelo Scicluna kien iddiskuta l-possibilita' li jsir proġett ta' tisbiħ tal-*5 A side* li hemm fi Ġnien il-Kunsill u ssuġġerixxa li dan il-proġett għandu jiġi ffinanzjat mill-investitur tal-*guesthouse*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel ittra permezz ta' avvidavit lill-*Planning Authority* biex juri li l-Kunsill qed jappoġġja dan il-proġett.

535.3.17 Is-Sindku rrefera għall-proġett *Slow Streets* u qal illi l-ispiża sabiex jitħejja studju urban ma' periti speċjalizzati f'dan is-settur kienet ser tammonta għal €3,000. Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li l-Kunsilli parteċipanti kienu ser jibbenefikaw minn rifużjoni ta' dawn it-€3,000 mir-Reġjun Xlokk. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas l-ispiża ta' €3,000 sabiex isir studju għall-proġett prospettiv fil-lokalità kif ukoll li jħallas depożitu ta' €900 sabiex jinbeda l-istudju.

535.3.18 Is-Sindku rrefera għall-iskemi ta' finanzjament maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u qal illi l-Kunsill jista' jissottometti d-*draft proposal* li għamlet l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex ikun jista' jibbenefika minn għajnuna finanzjarja ta' €30,000. Is-Sindku żied jgħid li dan l-istudju huwa parti mill-proġett *Slow Streets* imniedi mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, flimkien mal-Ministeru għall-Kultura, Arti u Gvern Lokali, il-Ministeru ta' Transport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, flimkien mal-Awtorità tat-Transport. Wara li ser ikun lest l-istudju mal-periti, il-Kunsill Lokali ser ikun qed jiġi mogħti dokument iddettaljat ta' studju urban ibbażat fuq il-lokalità li fih ser ikun hemm rakkomandazzjonijiet infrastrutturali sabiex f' żoni urbani jingħata spazju għall-mobilità sostenibbli. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jissottometti d-*draft proposal* tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

535.3.19 Is-Sindku rrefera għall-iskemi ta' finanzjament maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-iskema ta' finanzjament għall-krejazzjoni ta' spazji miftuħa fiċ-Ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u Għawdex u qal illi l-Kunsill seta' jissottometti d-*draft proposal* li għamlet l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jissottometti l-applikazzjoni għal skema ta'

finanzjament għall-krejazzjoni ta' spazji miftuħa bid-*draft proposal* li għamlet l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

**535.3 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

535.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**535.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

535.5.1 Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-29 ta' Settembru 2020 u s-26 t'Ottubru 2020 li kienet tammonta għal €96,435.73.

535.5.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru 2020 li kienu jammontaw għal €128.65.

**535.6 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar- Settembru, 2020**

535.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar - Settembru 2020. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Settembru 2020.

535.6.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jsiru trasferimenti fl-estimi annwali għas-sena finanzjarja Jannar - Diċembru 2020 kif ġej: l-ammont ta' €3,000 jiġi trasferit mill-vot 3300-3379 'Ospitalità' għall-vot 2600 'Servizzi fl-Uffiċċju' u l-ammont ta' €6,000 jiġi trasferit mill-vot 3300-3379 'Ospitalità' għall-vot 2900 'Servizzi t'Informazzjoni'.

**535.7 Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv - Skala 13**

535.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu 'Kandidata A' hija l-aktar kandidata adattata għal din il-kariga. Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li 'Kandidata A' tiġi mpjegata mal-Kunsill bħala Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13).

535.7.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-uffiċjal eżekuttiv - skala 13 li kienet daħlet ftit tax-xhur qabel kienet itterminat l-impjieg tagħha matul il-*probation period*. Peress illi l-permess ta' *Jobs Plus* kien ser jiskadi matul ix-xahar ta' Novembru 2020, is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tkun tista' titlob estenzjoni tal-permess. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura

Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob estensjoni tal-permess ta' *Jobs Plus* u li jerġa' joħroġ avviż sabiex jiġi ngaġġat uffiċjal eżekuttiv - skala 13.

535.7.3 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament illi jinħatar Bord tal-Għażla għall-ingaġġ ta' uffiċjal eżekuttiv - skala 13 u li jkun kompost mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Joseph Agius u mis-Sur Sinjorina Ghislaine Bongailas biex ikun responsabbli mill-proċess tal-għażla u jressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill.

**535.8 Ingaġġ ta' Bibljotekarju fil-Librerija**

535.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' bibljotekarju fil-librerija. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu 'Kandidata A' hija l-aktar kandidata addattata għal din il-kariga. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi mpjegata 'Kandidata A' bħala bibljotekarju mal-Kunsill.

535.8.2 Is-Sindku rrakkomanda sabiex is-Sinjura Mary Grace Vassallo tingħata rikonoxximent f'Jum Ħaż-Żabbar għall-ħidma tagħha fil-librerija tal-lokalità.

**535.9 Tiżjin tal-Milied**

535.9.1 Is-Sindku tkellem dwar it-tiżjin tal-Milied u ppropona li l-Kunsill jinvesti f'disinji dekorattivi ġodda għal Triq is-Santwarju filwaqt li d-dawl dekorattiv fil-kumplament tat-toroq l-oħra jinkera. Is-Sindku spjega li jekk il-Kunsill jixtri d-disinji dekorattivi, sakemm ma jkunx hemm qbil mod ieħor, fis-snin li ġejjin il-Kunsill kien ser ikun qed iħallas għall-armar tat-tiżjin tal-Milied biss. Is-Sindku żied jgħid li matul il-perjodu Jannar - Settembru 2020, minħabba l-pandemija tal-COVID 19, in-nefqa taħt il-vot tal-kultura kienet inqas minn dik prevista u għalhekk issuġġerixxa li l-ispiża għat-tiżjin tal-Milied tkun tammonta għal €10,000 VAT inkluż. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk id-disinji dekorattivi kienux ser jibqgħu proprjetà tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sur Joseph Agius staqsa fejn kien ser jinħażen it-tiżjin tal-Milied. Is-Sindku qal illi l-materjal tat-tiżjin kien ser jinħażen fl-imħażen tal-kuntrattur responsabbli mit-tiżjin tal-Milied. Is-Sindku ssuġġerixxa li t-tiżjin ta' toroq fi żmien il-Milied isir fi Triq is-Santwarju kollha, id-dawra tal-monument ta' Agatha Barbara, f'Misraħ is-Sliem, fl-entratura ta' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, mal-binjiet fiż-żoni tal-*Housing Estate*, fi Triq tal-Plier u fiż-żona ta' St Peter.

535.9.2 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jsir aktar dawl dekorattiv fil-parti t'isfel ta' Triq is-Santwarju peress illi s-sena l-oħra kienet mudlama.

535.9.3 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li t-tiżjin ta' toroq tal-Milied isir fi Triq is-Santwarju kollha, id-dawra

tal-monument ta' Agatha Barbara, f'Misrah is-Sliem, fl-entratura ta' Misrah tal-Madonna Medjatriċi, settijiet tad-dawl mal-binjiet fiż-żoni tal-*Housing Estate*, Triq tal-Plier u fiż-żona ta' St Peter.

535.9.4 Is-Sur Joseph Vella qal illi matul din is-sena minhabba l-pandemija tal-COVID 19 ma kienux saru attivitajiet mal-ghaqdiet lokali u ghalhekk issuġġerixxa li l-ghaqdiet lokali jiġu nvoluti fit-tiżjin tal-Milied. Is-Sindku ppropona sabiex il-Grupp tal-Armar tal-Festa jiehdu hsieb it-tiżjin taż-żewġ siġar tal-Milied, filwaqt li l-każini tal-baned jiehdu hsieb iżejnu d-dawl dekorattiv fit-toroq. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jsir tiżjin addizzjonali flimkien mal-Ghaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, mas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ u mal-Grupp tal-Armar, u li l-ispiża totali bejn l-ghaqdiet tkun tammonta ghal €3,000 VAT inkluż.

535.9.5 Is-Sindku ssuġġerixxa li tiġi organizzata kompetizzjoni tal-isbah tiżjin tal-Milied sabiex tinholoq atmosfera ferrihija fit-toroq tal-lokalità. Is-Sinjura Anna Calleja talbet li l-kompetizzjoni tkun miftuha ghal min johloq l-isbah tieqa jew faċċata. Is-Sindku żied jghid li din ghandha tkun miftuha wkoll ghal min iżejjen l-isbah triq jew sqaq. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-laqgha li jmiss kien ser iressaq l-ismijiet tal-membri tal-ġurija. Is-Sindku rrakkomanda biex ma jkunx hemm Kunsillieri fost il-membri tal-ġurija u talab ukoll biex il-Kunsillieri ma jipparteċipawx f'din il-kompetizzjoni minhabba kunflitt ta' nteress. Minhabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID 19, is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienx ser ikun hemm kompetizzjoni ghall-isbah tiżjin fuq ġewwa bhalma ġieli sar fis-snin ta' qabel. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv minhabba s-sitwazzjoni tal-COVID 19. Is-Sinjura Calleja qalet li fil-passat il-Kunsill ġieli organizza kompetizzjoni tal-isbah tiżjin fuq ġewwa. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-Kunsill qatt ma organizza kompetizzjoni ta' l-isbah presepji fuq ġewwa u hallas ghalihom. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa x'tip ta' tiżjin kien ser isir f'Misrah tal-Madonna Medjatriċi u ssuġġerixxa li t-tiżjin jibda mill-bidu tat-triq. Is-Sindku qal illi l-applikazzjonijiet ghall-kompetizzjoni u l-armar tat-tiżjin iridu jsiru sat-8 ta' Diċembru, 2020. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza kompetizzjoni tal-isbah tiżjin tal-Milied fuq barra. Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex l-avviżi ta' din il-kompetizzjoni jitwahhlu fin-*notice boards* tal-Kunsill. Emendati

535.9.6 Fit-7.40 ta' filghaxija s-Sinjorina Angel Gwynn Louisielle Camilleri talbet li tkun skużata.

**535.10 Titjib fil-bandli - Ġnien il-Mistrieh**

535.10.1 Is-Sindku tkellem dwar ix-xoghol ta' titjib fil-bandli - Ġnien il-Mistrieh u qal li l-ispiża totali relatata max-xoghol ta' titjib fil-*playing field* kienet qed tiġi stmata li tkun madwar €30,000. Is-Sindku qal illi din l-ispiża kienet ser tithallas mill-fondi *Urban Improvement Fund*. Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jkun hemm bandla sabiex tintuża mill-persuni b'diżabilità. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet

issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li japprova din in-nefqa sabiex isir xoghol ta' tisbih fil-bandli – Ġnien il-Mistrieh.

**535.11 *Football Pitch* – Ġnien il-Kunsill**

535.11.1 Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex isir xoghol ta' titjib fil-*5A football pitch* li hemm fi Ġnien il-Kunsill. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi aktar kmieni f'din il-laqgha kien ġie maqbul li ssir talba lill-investitur tal-*guesthouse* ta' Triq iċ-Ċawsli sabiex jiffinanzja l-ispiża tal-*football pitch*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi ghalissa ma kien hemm l-ebda ftehim uffiċjali. Is-Sindku qal illi huwa kien qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill peress illi d-diskussjonijiet mal-investitur tal-*guesthouse* kienu ghadhom ma ġewx finalizzati. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jsir xoghol ta' titjib fil-*football pitch* fi Ġnien il-Kunsill.

**535.12 Ittri legali**

535.12.1 Is-Sindku rrefera ghas-sejha tal-offerti ghar-*resurfacing* ta' Triq Has-Sajjied (ZLC 6/2018) kif ukoll ghall-fondi Ewropej taht il-Miżura 4.4 u nforma lill-Kunsillieri preżenti li l-Kunsill kien baghat ittra legali lill-kumpanija *Dimbros Limited* sabiex thallas id-differenza fiż-żieda tal-prezz li kienet tammonta ghal €32,288 eskluż il-VAT. Is-Sindku qal li l-aġenzija ARPA ma kinitx ser thallas ghad-differenza fiż-żieda tal-prezz peress illi l-Kunsill kien obbligat li jitlob din id-differenza lill-kumpanija *Dimbros Limited*. Sabiex jiġu evitati spejjeż legali u qrati, is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jesplora l-possibbiltà li l-ammont f'danni rikjest mill-Kunsill jissarraf f'xoghol minn *Dimbros Limited* fuq proġetti li jkun maqbul bejn il-partijiet. Is-Sindku żied jghid illi jekk il-Kunsillieri jaqblu ma' din il-proposta, minhabba l-proċeduri marbuta mal-*procurement*, il-Kunsill kien ser jivverifika mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jekk il-Kunsill jistax isarraf id-danni rikjesti f'xoghol. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jsir komunikat mal-kumpanija *Dimbros Limited* permezz tal-avukati sabiex l-ammont f'danni rikjest mill-Kunsill jissarraf f'xoghol jew f'materjal.

535.12.2 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva minghand sid il-vettura IBL449 dwar inċident li allegatament sehh fi Triq ix-Xghajra, fejn talbet kumpens ta' €60 minghand il-Kunsill ghall-hsarat li ghamlet fil-vettura taghha. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà ghal dan l-inċident u li tintbghat ittra legali bhala risposta. [1]

535.12.3 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva minghand sid il-vettura JCG336 dwar inċident li allegatament sehh fi Triq tal-Hofra, fejn talbet kumpens ta' €150 minghand il-Kunsill ghall-hsarat li ghamlet fil-vettura taghha. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel

unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [2]

535.12.4 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura EBP549 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq ix-Xgħajra, fejn talbet kumpens ta' €65 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamlet fil-vettura tagħha. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [3]

535.12.5 Inqara rapport li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura KCB917 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq ix-Xgħajra, fejn talab kumpens ta' €260 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [4]

**535.13 Aġġudikazzjoni tal-Offerti**

- Offerta għax-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' Ġesù Redentur u n-niċċa ta' San Ġużepp (ZLC 3/2020)

535.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kien hemm tlett offerti għax-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' Ġesù Redentur u n-niċċa ta' San Ġużepp (ZLC 3/2020) u li ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand *Pisani Restoration* għall-prezz ta' €6,500 eskluż il-VAT. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System*.

535.13.2 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jingħata għajnuna finanzjarja ta' €10,000 taħt il-Miżura 1 - *Local Development Strategy - Restoration of assets of artistic and cultural value* sabiex isir xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' Ġesù Redentur u n-niċċa ta' San Ġużepp. Peress illi n-nefqa sabiex isir ix-xogħol ta' restawr kienet ser tammonta għal €6,500 eskluż il-VAT u l-fondi approvati kienu €10,000, is-Sindku ppropona li tiġi sottomessa *change request form* lill-GAL Xlokk sabiex jiġu utilizzati l-massimu tal-fondi approvati u ssir talba sabiex flimkien mal-istawa ta' Ġesù Redentur u n-niċċa ta' San Ġużepp isir restawr ta' niċċa oħra. Is-Sindku ppropona li jiġu sottomessi tlett proposti ta' restawr u l-Kunsill jirrestawra n-niċċa li tiġi approvata mill-GAL Xlokk. Is-Sindku qal li n-niċeċ proposti lill-GAL Xlokk għandhom ikunu l-momument ta' Papa Alessandru li hemm fi Triq is-Santwarju, in-niċċa tal-Kunċizzjoni li hemm f'Misraħ San Ġakbu u n-niċċa ta' San Ġużepp li

hemm fi Triq San Ġużepp. Is-Sinjorina Bongailas issekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

535.13.3 Is-Sindku rrefera għall-fondi Ewropej taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta - Miżura 4 - *Development of Green Infrastructure* u qal illi din l-applikazzjoni tal-Kunsill kienet ġiet aċċettata u l-Kunsill kien ser jingħata għajnuna finanzjarja ta' €46,029.92. Is-Sindku ppropona li tiġi sottomessa *change request* lill-GAL Xlokk u ssir talba sabiex jiġi nkluż il-kisi taċ-ċint tas-*soft area* wkoll, 1994. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi sottomessa it-talba għal *change request* lill-GAL Xlokk.

535.13.4 Is-Sindku rrefera għall-fondi Ewropej taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta - Miżura 3. *Promotional of the Cultural Heritage* u qal illi l-applikazzjoni tal-Kunsill kienet ġiet aċċettata u l-Kunsill kien ser jingħata għajnuna finanzjarja ta' €10,000.

**535.14 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

535.14.1 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa f'hix wasal il-proċess sabiex id-dawra tal-iskola issir pedonali matul il-ħinijiet ta' dħul u ħruġ tal-iskola. Is-Sindku qal illi s-sejħa għall-offerti kienet ser tagħlaq fil-ġranet li ġejjin.

535.14.2 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx irrapporta lil Transport Malta li tqaċċtu numru ta' *bollards* fil-viċinanzi ta' *Scotts Supermarket* fi Triq il-Mina ta' Hompesch. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Il-Kaptan Patrick Barbara rrimarka li dawn il-*bollards* ilhom imqaċċta 'l fuq minn sena. Is-Sindku qal illi fi Triq Villabate fil-viċinanzi ta' Triq San Ġużepp kien hemm il-*bollards* mqaċċtin ukoll.

535.14.3 Is-Sur Joseph Buttigieg ressaq ilment li kien irċieva mingħand resident li joqgħod fi Triq San Ġużepp dwar inkonvenjent minħabba storbju, speċjalment matul il-lejl, kkawżat mir-*road hump* li kienet twaħħlet riċentament fl-istess triq. Is-Sur Joseph Agius qal illi kien hemm distanza twila bejn ir-residenza ta' min ressaq l-ilment u fejn kienet twaħħlet ir-*road hump*. Is-Sindku qal illi r-*road hump* saret 'il bogħod mir-residenti u bl-approvazzjoni ta' Transport Malta. Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa ta' din ir-*road hump* peress illi kien qed ikun hemm sewqan eċċessiv f'din it-triq. Is-Sindku qal illi kien ser ikellem lir-resident li għamel l-ilment.

535.14.4 Is-Sur Joseph Buttigirg Agius talab li jsir *traffic management* fi Triq is-Silla u fi Triq it-Telliera u tinqaleb id-direzzjoni tal-*one way*. Emendati

535.14.5Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienx sar xi qbil mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-kontroll tal-ħamiem salvaġġ. Is-Sindku qal illi l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet ser tingħata fondi mil-Gvern Ċentrali sabiex tkun tista' toffri servizz b'xejn lill-Kunsill Lokali biex jiġi kontrollat il-ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet.

535.14.6 Is-Sur Joseph Buttigieg talab lis-Sindku jagħti iktar informazzjoni dwar il-korrispondenza li kienet intbgħatet fuq il-konservazzjoni tal-ilma mill-widien. Is-Sindku qal illi kienet saret laqgħa ta' informazzjoni għall-pubbliku u żied jgħid li kien qed isir studju sabiex jiġi konservat l-ilma mill-widien. Is-Sindku qal li kien ser jiddiskuti din il-materja mal-Viċi Sindku sabiex flimkien joħorġu bi proposti dwar din l-istrateġija.

535.14.7 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa meta kienet ser issir il-laqgħa mal-perit tal-Kunsill sabiex jiġi diskuss ix-xogħol tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi din il-laqgħa kellha ssir fil-futur viċin.

535.14.8 Is-Segretarju Eżekuttiv rreferiet għall-korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar skema għal tħawwil ta' siġar f'żoni urbani u qalet li l-Viċi Sindku kienet talbitha tinforma lill-membri tal-Kunsill biex kull min ikollu xi suġġeriment dwar fejn jistgħu jitħawwlu xi siġar għandu jibgħat jinfurmaha permezz ta' *email*. Is-Sindku qal illi kien ser jiddiskuti il-korrispondenza mal-Viċi Sindku.

535.14.9 Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa sabiex fil-Park ta' San Klement ikun hemm il-*WIFI*. Is-Sindku qal illi kien ser iressaq din il-proposta lil *Parks Malta*.

535.14.10 Is-Sur Joseph Agius reġa' semma l-bżonn li jsir *culvert* tal-ilma tax-xita f'Misraħ San Ġakbu tul it-triq kollha. Is-Sindku qal illi kien tkellem mal-Perit tal-Kunsill sabiex isir studju fuq il-kanali tal-ilma tax-xita u l-ġibjun li hemm f'Misraħ San Ġakbu. Is-Sindku żied jgħid li jista' jkun hemm bżonn li tissejjaħ l-assistenza tal-Protezzjoni Ċivili sabiex jinżlu fil-ġibjun.

535.14.11 Is-Sindku qal illi fil-ġranet li ġejjin kien ser jinbeda x-xogħol fuq il-kanal tal-ilma tax-xita li hemm fi Triq l-Iskola maġenb il-grawnd tal-football.

535.14.12 Is-Sur Joseph Agius rrefera għall-permessi li jinħarġu mill-Kunsill għall-armar ta' *scaffolding* u talab sabiex il-kuntratturi jiġu obbligati jiksu l-bankina b'inċirata biex ma tiċċappasx biż-żebgħa waqt li jkunu għaddejjin bix-xogħlijiet. Is-Sindku qal illi dan ma setgħax isir minħabba li l-inċirata tista' toħloq periklu għall-*pedestrian*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-applikant ikun obbligat jirranġa l-bankina f'każ li ssir xi ħsara jew xi dannu ieħor fit-triq jew proprjetà oħra.

535.14.13 Is-Sindku qal illi meta tiġi żviluppata binja il-kuntrattur ikun obbligat jagħmel garanzija bankarja. Is-Sur Joseph Agius qal illi fejn saret il-*guesthouse* fi Triq is-Santwarju, kien sar xogħol ta' kostruzzjoni u l-bankina ma reġgħetx saret fl-istat li kienet.

535.14.14 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kienet qed tinbena binja fi Triq Spadaro kantuniera ma' Triq Bajada u l-bankina kienet ingħalqet bil-*bricks*. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur huwa obbligat jagħmel bankina temporanja. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġà tressaq rapport lil Building Regulations Office.

535.14.15 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li ssir tabella bl-isem ta' Triq il-Ġilbiena. Is-Sindku talab li titwaħħal tabella tal-isem ta' Triq is-Santwarju u titwaħħal fil-kantuniera ma' Triq ix-Xgħajra.

535.14.16 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Triq is-Santwarju ġiet nominata għall-isbaħ triq f'Malta fuq is-sit ta' *Infrastructure Malta*.

535.14.17 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li ssir mera fi Triq il-Ġilbiena faċċata ta' Triq Santa Duminka. Is-Sindku qal illi diġa kienet saret mera.

535.14.18 Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi kien qed iżomm ħafna ilma fi Triq Felice ma' Triq Lia.

535.14.19 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li f'Settembru li għadda kienet irrappurtat bozza maqtugħa fi Triq Castaldi u din kienet għada ma nxtegħelitx. Is-Sindku qal illi kien hemm problema fil-*cables* tad-dawl.

535.14.20 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas irreferiet għall-proġett ta' *neutering* ta' qtates f'Ħaż-Żabbar u qalet li l-Kunsill kien qed isib diffikultà sabiex isib *feeders* li lesti jagħmlu *neutering* tal-qtates. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet illi kienet tkellmet ma' persuna li kienet lesta tieħu ħsieb il-proċess ta' *neutering* mill-bidu sal-aħħar għal prezz ta' €8 għal kull qattus. Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas €8 għal kull qattus sabiex isir n-*neutering* tal-qtates fil-lokalità.

535.14.21 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas infurmat li l-iskema ta' *neutering* ġiet estiża sal-aħħar ta' Marzu 2021.

535.14.22 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas semmiet il-ħtieġa li jiġu rranġati l-gradi tad-*Dog Park*. Is-Sindku qal illi l-gradi kienu ser jiġu rranġati fil-ġranet li ġejjin.

535.14.23 Il-Kaptan Patrick Barbara semma l-ħtieġa li ssir iż-*zebra crossing* quddiem il-Park ta' San Klement. Is-Sindku qal illi kien għad jonqos xi permessi xi jsiru.

**535.15 Mozzjonijiet**

535.15.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**535.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

535.16.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 30 ta' Novembru, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija.

535.16.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-536 laqgħa li saret nhar it- Tnejn, 30 ta' Novembru, 2020.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku